**KUNSILL LOKALI** **KALKARA** **LOCAL COUNCIL**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## It-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 11/2023

17 ta' Novembru 2023

Il-Kunsilli Lokali Kalkara Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru, 1897 fis-2 ta' wara nofsinhar.

## PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Vincent Bongailas | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsilliera |
| Speranza Chircop | - Kunsilliera |
| Christopher Bruno | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**

Ma kienx hemm

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Duncan Hall – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

11.1 **<u>Qari ta' ittri ta' apoloġija</u>**

11.1.1 Ma kellniex.

11.2 **<u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti</u>**

11.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 10.23 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

11.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Vincent Bongailas u ssekondata mis-Sinjura Maria Sultana l-minuti ġew approvati unanimament.

**<u>Punti mill-Minuti Preċedenti :</u>**

11.3 **10.4.1 Gieh il-Kalkara / jum il-Kalkara 2023**

Is-Sindku nforma l-kunsill illi n-nominazzjonijiet għalqu aktar kmieni dan ix-xahar u kien hemm 10 nominazzjonijiet b'kollox.

Is-Sindku qal illi ser issir laqgħa informali mall-kunsill kollu biex jinfetħu n-nominazzjonijiet u tintgħażel il-persuna li ħa tieħu Ġieh il-Kalkara.

Is-Sindku żied jgħid u fakkar ir-regolamenti kif għandu jinħatar il-persuna u ser ikun qed jipproċedi skond ir-regoli waqt il-laqgħa informali li ser issir aktar tard f'Diċembru 2023 b'konferma wkoll mill-kunsilliera kollha.

Is-sindku qal fiċ-ċirkustanzi li jinsab fihom jiġifieri b'siequ miksura l-programm ser jiġi mfassal u rranġat skond dawn iċ-ċirkustanzi. Huwa żied jgħid u jirringrazzja l-kunsilliera tas-support li sab minn naħa tagħhom biex ukoll ċerti affarijiet setgħu jibqgħu għadejjin bl-għajnuna u s-support ta' kulħadd.

**10.4.2 Qtugħ taż-Żebbuġ**

Is-Sindku kkonferma illi din l-attivita' kienet ta' suċċess, iż-żejt ġie proċessat u ħarġu aktar fliexken mis-sena preċedenti . Kienet attività ħelwa bl-għajnuna ta' residenti u tfal biex finalment inqata' ż-żebbuġ minn siġar fil-lokal stess.

**10.4.3 Jum Dinji għat-tfal**

Is-Sindku qal illi din l-attivita' kienet tajba li saret ukoll għal din is-sena bl-għajnuna tal-kunsilliera speċjalment fl-assenza temporanju tiegħu minħabba li kien kiser saqajh qabel id-data kkonfermata ta' din l-istess attività. Din l-attivita' saret ukoll bl-għajnuna finanzjarja mir-Reġjun Port. Is-Sindku saħaq illi l-impenn waqt din l-attivita' kien ferm apprezzat.

### 10.6 1 Fondi Annimali

Is-Seg Eżek ikkonferma mal-kunsill speċjalment ma' Sur Vince Bongailas li saqsa fis-seduta preċedenti fuq fondi abbinati ma' annimali, illi kien iċċekja mar-Reġjun u l-fondi speċifiċi fuq dan ir-rigward għadhom ma ħarġux biex il-kunsill ikun jista' japplika għalihom minn naħa tal-Animal Welfare sa issa.

### 10.6 2 Ċentru Anzjani

Is-Sindku nforma l-kunsill illi sa fl-aħħar wara ħafna xogħol infetaħ dan iċ-ċentru għal pubbliku bil-preżenza wkoll tal-Ministru u s-Seg parlamentari kkonċernati. Dan iċ-ċentru infetaħ flimkien ma' ċentri oħra fil-Kottonera. Saret din iż-żjara flimkien ukoll mas-Sinjura Speranza Chircop illi għandha d-dekasteru tal-anzjani. L-idea hija illi minn Diċembru kull nhar ta' Ħamis ser jibdew isiru sezzjonijiet għal anzjani b'kollaborazzjoni mal-AACC flimkien ma' Speranza Chircop. Is-Sindku jixtieq però illi minn Jannar 2024 inżidu l-frekwenza tal-użu ta' dan iċ-ċentru. Jiżdiedu talks, jiżdied il-ħin ta' ftuħ eċċetra eċċetra. Fl-istess ħin dan iċ-ċentru jista' jintuża wkoll għal korsijiet u affarijiet oħra mhux bilfors abbinati mal-anzjani.

**11. 4** <u>**Kommunikazzjoni mis sindku**</u>

<u>**1 Sitwazzjoni ħamiem**</u>

Is-Sindku qal illi l-arranġamenti li kien sar b'kollaborazzjoni mal-assoċjazzjoni tal-kunsilli lokali biex dan il-makkinarju jsir fuq il-bejt tal-knisja u wkoll b'komunikazzjoni li kienet intbgħatet il-kunsill xhur ilu mill-istess assoċjazzjoni illi dan l-arranġamenti issa ma kienx għadu validu u li jekk irridu din is-sistema / makkinarju tibqa' tinżamm huwa fi ħdan il-kunsill li jiddeċiedi xi jrid jagħmel u ma jagħmilx. Is-Sindku qal illi kellu feedback minn nies stess fuq dan ir-rigward u saqsa wkoll il-kappillan żiedux jew le kemm ilu illi l-arranġamenti waqaf. Il-kappillan huwa l-iktar persuna idonju peress illi l-apparat tpoġġa fuq il-bejt tal-knisja jiġifieri proprjetà purament tal-knisja. Mill-informazzjoni li kiseb is-Sindku dan l-apparat għamel differenza fir-rigward il-problema ta' ħamiem. Is-Sindku saqsa hux vijabbli għal kunsill li jibda arranġamenti ġodda fuq dan ir-rigward.
Wara diskussjoni libera bejn il-kunsilliera ġie deċiż illi għandha tinkiseb informazzjoni mill-kuntrattur fuq din il-kwistjoni qabel wieħed jiddeċiedi hux ser jitkompla dan l-arranġament jew le mill-kunsill stess.

<u>**2 Trejqet il-Milied**</u>

Din l-attivita' bħal kull sena ser tkun qed issir naqra iktar tard mis-soltu ħabba l-inċident li kellu s-Sindku stess biex anke ma jintilfux fondi abbinata ma' din l-istess attività mir-Reġjun Port. Is-Sindku qal illi x'aktarx din ser tkun qed issir fis-17 ta' Diċembru u kien diġà beda jikkordina l-loġistika ta' din l-attivita' biex finalment issir irrilevanti miċ-ċirkustanzi preżenti tal-kunsill.

Is-Sindku qal illi jaf ħabba anke loġistika aħjar mis-snin preċedenti jaf issir wara nofsinhar minflok filgħodu bħas-soltu biex ukoll ikollha dehra differenti mis-snin preċedenti.
Is-Sindku qal illi f'dawn it-tlett ġimgħat li ġejjin ser ikun qed jara kif din l-attivita' sseħħ bħas-snin preċedenti.

**3 Charity Shop**

Is-Sindku nforma l-kunsilli illi persuna li għandha Charity Shop fejn fil- preżent qed tgħin residenta Kalkariża li titma' l-qtates ta' barra fejn xtaqet tinforma l-kunsill illi fil-ġranet li ġejjin ser tkun qed tiformizzi xi djar ġodda għal qtates ta' barra. Il-kunsill irringrazzja lil din il-persuna u kkonfermaw illi ma jsibu l-ebda oġġezzjoni biex dawn id-djar jiġu mpoġġija f'żona partikolari fil-Kalkara.

**4 Vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku nforma lill-membri preżenti illi l-Kunsill Lokali kien ġie infurmat minn kandidat li kien ġie rrakkomandat mid-Divizjoni għall-Gvern Lokali illi kien qiegħed jirtira' l-applikazzjoni tiegħu. Is-Sur Aquilina saħaq illi b'mod immedjat kien informa lid-Divizjoni għall-Gvern Lokali illi min-naħa tagħha kienet qiegħeda tagħmel dak kollu possibbli sabiex il-proċess ikun wieħed mgħaġġel kemm jista' jkun bil-għan illi jinstab kandidat/a sabiex jimtela' l-post vakanti. Huwa żied jgħid illi kien ser ikun qiegħed iżomm lill-Kunsill Lokali aġġornat b'eventwalitajiet u żviluppi li seta' jkun hemm.

Is-Sindku ħatar board għal evalwazzjoni ta' b'possibilta' ta' applikanti futuri fil-ġranet li ġejjin li ser ikunu membri fih:

Is-Sur Wayne Aquilina
Is-Sinjura Maria Sultana
Is-Sur Duncan Hall
Is-Sinjorina Elaine Caruana
U s-Sur Deemer Bilocca

**11.5 Korrespondenza:**

1 Ċir AKL 2023/085_ Laqgħat Skemi ta' parkeġġi residenzjali fil-lokalitajiet f' Malta u Għawdex

Is-Sindku qal illi kien attenda diġa' laqgħa fuq dan ir-rigward fejn kienet preżenti s-Segretarju Parlamentari għal Gvern Lokali.

Is-Sindku nforma illi l-AKL qed tiġbor feedback mill-kunsilli fuq dan ir-rigward għal futur.

Il-kunsill ippropona dawn iż-żoni biex isiru parkeġġi b'ħin limitat u mhux residenzjali wara diskussjoni libera fuq ħafna fatturi li ġġib magħha deċiżjoni bħal din li forsi m'humiex daqshekk popolari.

Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu japplika għal 'timed parking scheme'. Kellu jsir studju dwar l-aħjar soluzzjoni għal din is-sitwazzjoni.

## 11.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera;

### Maria Sultana

Is-Sinjura Sultana staqsiet il-kunsill dwar l-attivita' li ser tkun qed tieħu ħsieb torganizza għat-tfal tal-iskola bħal kull sena.

Wara suġġeriment ukoll ta' Maria Sultana li jinġieb 'mascot' ġdid varat mill-AKL is-Sindku qal illi ser ikun qed jikkordina illi dan il-'mascot' jiġi fl-okkażżjoni ta' Jum il-Kalkara għal benefiċċju tal-iskola tal-Primarja tal-lokal.

Is-Sindku qal illi ser ikun qed jiddiskuti ċertu affarijiet informalment mas-Sinjura Sultana biex l-attivita' abbinata ma' Jum il-Kalkara għat-tfal tiġi maħduma fil-ġranet li ġejjin.

### Speranza Chircop

Is-Sinjura Chircop aġġornat lill-Kunsill Lokali bl-arranġamenti li kienet qiegħda tagħmel għall-okkażżjoni ta' Jum il-Kalkara permezz ta' attivita' li kienet qiegħeda tippjana illi ttella' nhar it-13 ta' Diċembru. Hija talbet l-għajnuna sħiħa tal-ħaddiema tal-kunsill bħal kull sena biex isiru l-preparamenti kollha meħtieġa.

Is-Sinjura Chircop infurmat lill-Kunsill Lokali b'ħarġa li kienet qiegħeda torganizza sabiex residenti interessati jkunu jistgħu iżuru diversi presepji hekk kif kienet tagħmel kull sena.

Is-Sinjura Chircop infurmat il-kunsill dwar is-sezzjoni li ser issir bil-kollaborazzjoni ta' AACC fiċ-ċentru l-ġdid, issa miftuħ li ser tkun qed tinkludi ukoll quddiesa fil-kappella tas-Salvatur u 'talk' interessanti għal anzjani.

## 11.7 Punti Ġenerali

### 1 Is-Sur Chris Bruno

Is-Sur Bruno informa lill-Kunsill Lokali illi fi Triq Patri Mattew Sultana kien hemm individwu li kien tefa' numru ta' planters fuq bankina. Segwiet diskussjoni libera li matula kien hemm qbil illi ħabba raġunijiet varji forsi b'kollaborazzjoni mal-Community Police tiġi mkellma din il-persuna forsi tinsab 'way forward'.

Is-Sur Bruno ressaq ilment rigward it-trasport offrut mill-kunsill lill-anzjani b'xejn fil-lokal fejn meta ma jkunx dispost ix-xufier ma hemmx 'replacement' tiegħu u s-servizz mhux jingħata. Is-Sur Bruno staqsa jekk huwiex lwok li wieħed isib 'relever' f'dawn iċ-ċirkustanzi. Is-Sindku qal illi f'każ meta s-servizz tal-kunsill ma jkunx qed jopera wieħed jista' jagħmel użu minn servizz ieħor tal-gvern li huwa s-Silver T . Il-fatt illi l-kunsill m'għandux 'relever'

m'hijiex xi ħaġa ideali però din hija kwistjoni ta' ħafna affarijiet interni u diffiċli ferm biex issib il-xi ħadd idonju biex isuq van b'dik ir-responsabbiltà.

**2 Is-Sinjura Maria Sultana**

Is-Sinjura Sultana saħħqet illi fil-preżent it-trasport pubbliku mhux qed jara n-nies li jkunu qed jistennew fuq l-istage temporanju li sar ix-Xatt minħabba parkeġġ illegali li qed isir fiż-żona. Qed ikollha ħafna lmenti rigward nies jistennew għalxejn.

**2 Is-Sinjura Speranza Chircop**

A Bankina San Lawrenz

Is-Sinjura Speranza Chircop innutat illi l-bankina fi Triq San Lawrenz għandha bżonn manutenzzjoni sħiħa anke fil-parti fejn forsi għadejjin xi xogħolijiet fil-preżent il-għaliex perikoluża mmens.

B Dawl Triq il-Ġenista

Is-Sinjura Chircop reġgħet fakkret illi fi Triq il-Ġenista hemm bżonn żieda ta' dawl sostanzjali minħabba illi hemm żona partikolari tinsab verament fid-dlam.

**11.8 Mistoqsijiet lis-Sindku:**

Ma kienx hemm

**11. 9 Mozzjonijiet**

Ara punt 11.11

**11.10**

**Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il- ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

Fuq proposta tas-Sa. Maria Sultana ssekondata mis-Sur Christopher Bruno, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 11.23

**11. 11** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Is-Seduta ntemmet fl-2:30pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal-20 ta' Diċembru 2023 f'nofsinhar wara proponiment tas-Sur Christopher Bruno u ssekondat mis-Sinjur Vincent Bongailas biex is-seduta issir f'dan il-ħin. Il-kumplament tal-kunsill qabel unanimament.

Konfermati, illum ______________________________

| | |
|---|---|
| **Wayne Aquilina** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Deputat Seg.Eżekuttiv |